Nru./No. 21,063
Prezz/Price
€5.76

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023
Friday, 2nd June, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6061 - 6082
Government Notices ..... *6061 - 6082*

Avviżi tal-Pulizija ..... 6083 - 6090
Police Notices ..... *6083 - 6090*

Avviżi lill-Baħħara ..... 6090 - 6091
Notices to Mariners ..... *6090 - 6091*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 6092 - 6164
Employment Opportunities ..... *6092 - 6164*

Avviżi tal-Gvern ..... 6164 - 6167
Notices ..... *6164 - 6167*

Offerti ..... 6167 - 6170
Tenders ..... *6167 - 6170*

Avviżi tal-Qorti ..... 6170 - 6184
Court Notices ..... *6170 - 6184*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 719

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-30 ta' Mejju 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 720

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 59 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 721

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOLOĠIJA (KAP. 471)

Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija, (Kap. 471), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva l-ħatra tal-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta, kif ġej:

Il-perjodu tal-kariga tal-membri hawn taħt imsemmija huwa għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-2 ta' Mejju, 2023.

Chairperson
Dott. Kevin Sammut Henwood, B.Psy. (Hons.) (Melit), MSc (Surr.), D.Foren. Psy. (Nott.)

Membri
Dott. Anita Giordimaina, LLD
Dott. Priscilla Muscat, B.Psy (Hons), M.Sc. (Health Psy.), PhD

GOVERNMENT NOTICES

No. 719

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, assumes the additional duties of Prime Minister on Wednesday, 31st May, 2023, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

30th May, 2023

No. 720

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 59 entitled the Youth Work Profession (Amendment) Act, 2023.

2nd June, 2023

No. 721

PSYCHOLOGY PROFESSION ACT (CAP. 471)

Malta Psychology Profession Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychology Profession Act (Cap .471), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has approved the appointment of the Malta Psychology Profession Board, as follows:

The term of office of the members listed hereunder is for a period of two years with effect from 2nd May, 2023.

Chairperson
Dr Kevin Sammut Henwood, B.Psy. (Hons.) (Melit), MSc (Surr.), D.Foren. Psy. (Nott.)

Members
Dr Anita Giordimaina, LLD
Dr Priscilla Muscat, B.Psy (Hons), M.Sc. (Health Psy.), PhD

Is-Sa Erika Muscat Genovese, B. Psy. (Hons), MA Inclusive Educ. and Communities, M.Psy.

Segretarja
Is-Sa Deborah Cassar

Il-ħatra tal-membri hawn taħt imsemmija tibqa' valida sad-29 ta' Mejju, 2024.

Membri
Il-Prof. Mary Anne Lauri, PhD, AFBPs,
Is-Sa Mariella Mamo, M.Psy. (Melit), B.Psy. (Hons) (Melit)
Is-Sa Jo Christine Scicluna, M.Psy., BA (Hons) Psych., PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 722

ATT DWAR ORGANIZZAZZJONIJIET VOLONTARJI
(KAP. 492)

Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap.492), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, approvat il-ħatra tal-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat kif ġej:

Chairperson
Is-Sa Gertrude Buttigieg

Deputy Chairperson
Il-Perit Jorge Spiteri

Membri
Is-Sa Doreen Borg Zammit
Is-Sa Norma Camilleri
Is-Sa Laura Cunningham
Is-Sur Edward Gruppetta
Is-Sur Paul Sultana
Is-Sur Leslie Bonnici
Is-Sur Paul Mifsud
Is-Sur Frank Muscat
Is-Sur Mark Micallef

Segretarja
Is-Sa Kimberly Grech

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' Marzu, 2023.

Il-31 ta' Mejju, 2023

Ms Erika Muscat Genovese, B. Psy. (Hons), M A Inclusive Educ. and Communities, M.Psy

Secretary
Ms Deborah Cassar

The term of office of the members listed hereunder shall remain valid until 29th May, 2024.

Members
Prof. Mary Anne Lauri, PhD, AFBPs,
Ms Mariella Mamo, M.Psy. (Melit), B.Psy. (Hons) (Melit)

Ms Jo Christine Scicluna, M.Psy., BA (Hons) Psych., PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

2nd June, 2023

No. 722

VOLUNTARY ORGANISATIONS ACT
(CAP. 492)

Council for the Voluntary Sector

IN exercise of the powers conferred by Article 2 of the Voluntary Organisations Act (Cap. 492), and for the purpose of that Act, the Minister for Inclusion, Voluntary Organisations and Consumer Rights has approved the appointment of the members of the Council for the Voluntary Sector as follows:

Chairperson
Ms Gertrude Buttigieg

Deputy Chairperson
Perit Jorge Spiteri

Members
Ms Doreen Borg Zammit
Ms Norma Camilleri
Ms Laura Cunningham
Mr Edward Gruppetta
Mr Paul Sultana
Mr Leslie Bonnici
Mr Paul Mifsud
Mr Frank Muscat
Mr Mark Micallef

Secretary
Ms Kimberly Grech

These appointments are valid for a period of three years with effect from the 1st of March, 2023.

31st May, 2023

Nru. 723

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Bonnici Bennett, is-Sa Melanie – First Secretary, Washington

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-2 ta' Ġunju, 2023
MJEG 21/2020/II

No. 723

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Bonnici Bennett, Ms Melanie – First Secretary, Washington

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice

2nd June, 2023

Nru. 724

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 31 ta' Marzu, 1965, mogħtija mill-Imħallef John R. Spon tal-Probate Court, Jefferson County, Ohio, L-Istati Uniti, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-2 ta' Ġunju, 2023

No. 724

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 31st March, 1965, issued by Judge John R. Spon, Probate Court, Jefferson County, Ohio, United States, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

2nd June, 2023

Nru. 725

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha s-'Certificate of Adoption involving Foreign Elements in accordance with The Hague Convention' maħruġ minn Dang Tran Anh Tuan f'isem il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Kap tad-Dipartiment tal-Adozzjonijiet ġewwa l-Vjetnam datata 14 ta' Marzu, 2023, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

It-2 ta' Ġunju, 2023

No. 725

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Certificate of Adoption involving Foreign Elements in accordance with The Hague Convention issued by Dang Tran Anh Tuan on behalf of the Minister of Justice, Head of Department of Adoption in Vietnam dated 14th March, 2023, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

2nd June, 2023

Nru. 726

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Ann Fenech Adami bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Martha Ellul Carabott u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Ġunju, 2023 u l-10 ta' Awwissu, 2023.

Illum 30 ta' Mejju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 726

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Ann Fenech Adami to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Martha Ellul Carabott for the period between the 5th of June, 2023 and the 10th of August, 2023.

Today 30th May, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 727

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Roberta Bisazza bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Victor J. Bisazza u dan għall-perjodu bejn l-1 ta' Ġunju, 2023 u l-15 ta' Ġunju, 2023.

Illum l-1 ta' Ġunju, 2023

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 727

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Roberta Bisazza to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Victor J. Bisazza for the period between the 1st of June, 2023 and the 15th of June, 2023.

Today 1st June, 2023

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 728

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-

No. 728

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower

Agrikultura approva li nhar il-Ħamis, 29 ta' Ġunju, 2023, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' Izaak Mifsud.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 729

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju, 2023, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' David Massa.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 730

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju, 2023, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' Maria Victoria Schembri.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 731

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 17 ta' Ġunju, 2023, il-

Barrakka Gardens will be closed to the public on Thursday, 29th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of Izaak Mifsud.

2nd June, 2023

No. 729

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Wednesday, 28th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of David Massa.

2nd June, 2023

No. 730

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Saturday, 24th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of Maria Victoria Schembri.

2nd June, 2023

No. 731

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Saturday,

Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' Corinthia Caterers.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 732

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġnien tal-Argotti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li minn nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju sas-Sibt, 10 ta' Ġunju, 2023, il-Ġnien tal-Argotti se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' Festivals Malta.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 733

**ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

Il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku minn nofsinhar u jkun taħt il-kontroll ta' Timothy Gingell.

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 734

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-24 ta' April, 1990, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Mejju, 1990, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 305, il-President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn

17th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of Corinthia Caterers.

2nd June, 2023

No. 732

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Argotti Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Argotti Gardens will be closed to the public from Friday, 9th June, 2023 till Saturday, 10th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of Festivals Malta.

2nd June, 2023

No. 733

**PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)**

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Friday, 9th June, 2023, from noon onwards, and will be under the control of Timothy Gingell.

2nd June, 2023

No. 734

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 24th April, 1990, published in the Government Gazette of the 4th May, 1990, under Government Notice No. 305, the President of Malta had declared that a plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas part of this plot of land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land

taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-2 ta' Ġunju, 2023
(File No. L 243/89)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun:

Biċċa art tal-kejl ta' 132.51 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bl-ittra kapitali 'B' fuq il-pjanta P.D. Nru. 308_89_a, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

L-Art deskritta fid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-24 ta' April, 1990, kienet ukoll indikata fuq il-pjanta L.D. Nru. 308/89. Din l-art kienet tal-kejl ta' 354.94 metru kwadru u mhux ta' 212-il metru kwadru u din kif indikata wkoll fuq il-pjanta P.D. Nru. 308_89_a. L-art li attwalment intużat għal skop pubbliku għandha kejl ta' 222.43 metru kwadru u hija indikata bl-aħmar u mmarkata bl-ittra Kapitali 'A' fuq P.D. Nru. 308_89_a. Ir-rimanenti art ta' 132.51 metru kwadru hija l-art su deskritta, u liema qiegħda preżentament tiġi dikjarata bħala mhux aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku, kif su indikat.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-30 ta' Mejju, 2023

Nru. 735

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Gianni Bonavia, Ħaż-Żabbar (indikata fuq il-pjanta fuq paġna 6069);
Parti minn Triq Lia, Ħaż-Żabbar (indikata fuq il-pjanta fuq paġna 6070);
Parti minn Triq La Sengle, Marsaskala (indikata fuq il-pjanta fuq paġna 6071);

is no longer required by the competent authority for a public purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

2nd June, 2023

Description of the Land

The following land at Żejtun:

A plot of land measuring 132.51 square metres, bounded on the West and South West by property of Alexander De Piro Gourgion and others and on the South East by property of the Firm Peter Camilleri and Sons Ltd or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red and marked with the capital letter 'B' on plan No. P.D. 308_89_a, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The land described in the Declaration of the President of Malta of the 24th April, 1990, was also indicated on plan L.D. No. 308/89. This land measured 354.94 square metres and not of 212 square metres and this as also indicated on plan P.D. No. 308_89_a. The land that was presently used for a public purpose measures 222.43 square metres and is indicated in red and marked with the capital letter 'A' on P.D. No. 308_89_a. The remaining land of 132.51 square metres is the land described above, and which presently is being declared as no longer required by the competent Government for a public purpose, as indicated above.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

30th May, 2023

No. 735

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Gianni Bonavia, Ħaż-Żabbar (indicated on site plan on page 6069);
Part of Triq Lia, Ħaż-Żabbar (indicated on site plan on page 6070);
Part of Triq La Sengle, Marsaskala (indicated on site plan on page 6071);

Triq id-Daħla ta' San Tumas (Part 2), iż-Żejtun (indikata fuq il-pjanta fuq paġna 6072).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn id-19 ta' Ġunju, 2023 u d-29 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Gianni Bonavia, Ħaż-Żabbar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn id-19 ta' Ġunju, 2023 u d-29 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet f' parti minn Triq Lia, Ħaż-Żabbar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn id-19 ta' Ġunju, 2023 u d-29 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet f' parti minn Triq La Sengle, Ħaż-Żabbar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn id-19 ta' Ġunju, 2023 u d-29 ta' Diċembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (Part 2), iż-Żejtun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar għajnuna jew informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-2 ta' Ġunju, 2023

Triq id-Daħla ta' San Tumas (Part 2), Żejtun (indicated on site plan on page 6072).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 19th June, 2023 and 29th December, 2023, it will be starting road works in Triq Gianni Bonavia, Ħaż-Żabbar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 19th June, 2023 and 29th December, 2023, it will be starting road works in part of Triq Lia, Ħaż-Żabbar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorized by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 19th June, 2023 and 29th December, 2023, it will be starting road works in part of Triq La Sengle, Ħaż-Żabbar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 19th June, 2023 and 29th December, 2023, it will be starting road works in Triq id-Daħla ta' San Tumas (Part 2), Żejtun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'No parking' signs on site are liable to be towed.

Further assistance or more information can be obtained via email to (info.im@infrastructuremalta.com).

2nd June, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: ĦAŻ-ŻABBAR po Triq Ganni Bonavia - SITE PLAN Extends of works aren't binding but indicative	
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi	HEAD OF UNIT: N.V.	DATE: MAY 2022	FILE NO: - / DRAWING NO: IMD127/22
S:\Traffic Management\2022\Zabbar\2022 Zabbar.dwg	PROJECT LEADER: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500 / REVISION: - / PAGE NO: 10
	DRAWN BY: -		



INFRASTRUCTURE MALTA

No.	Revision	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zabbar\2023 Zabbar.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -


DRAWING TITLE: ĦAŻ-ŻABBAR

po Triq Lia - SITE PLAN

Extends of works aren't binding but indicative

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
JAN 2023	-	IMD001/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	1



INFRASTRUCTURE MALTA

Rev/Iss	Abridge	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Marsaskala\2023 Marsaskala.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -


DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: MARSASKALA

po Triq La Sengle - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
MARCH 2023	-	IMD098/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	4



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Zejtun\2023 Zejtun.dwg

UNIT NAME:
IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT:
N.V.

PROJECT LEADER:
-

DRAWN BY:
-

DRAWING TITLE:
IŻ-ŻEJTUN
po Triq Id-Dahla ta San Tumas - SITE PLAN
(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD133/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 5000	A	2

Nru. 736

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Birkirkara, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 736

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Birkirkara, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

BIRKIRKARA

TRIQ IL-KAN. KARMENU PIROTTA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħal Għargħur *Left side entering from Triq Ħal Għargħur*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħal Għargħur *Right side entering from Triq Ħal Għargħur*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1	Cleveland	2
Bieb bla numru	3	Garaxx	4
Athena	5	Garaxx	6
Yuqi	7	Garaxx	8
Garaxx	9	Garaxx	10
Bieb bla numru	11	Garaxx	12
Ġwanni Pawlu II	13	Garaxx	14
Garaxx	15	Madonnina	16
Bliss	17	Garaxx	18
Garaxx	19	30	20
Paradise	21	Garaxx	22
Garaxx	23	29	24
Les Charm	25	Garaxx	26
Aloha	27	28, Aurora	28
Garaxx	29	Garaxx	30
Garaxx	31	27, Eternity	32
Enchanted Castle	33	26, Muza	34
Garaxx	35	Daħla għall-garaxxijiet	36
D.B. Installation Services Ltd (Garaxx)	37	Edera	38
11, Angel Kim	39	Garaxx	40
Genesi	41	25 (Flettijiet)	42
Garaxx	43	Garaxx	44
Emerald Flats	45	24, Cherubs (Flettijiet)	46
Garnet	47	Garaxx	48
Garaxx	49	23 (Flettijiet)	50
Garaxx	51	Il-Girna	52
Raindrops	53	Daħla għall-garaxxijiet	54
Sit bla bini	55	22	56
Sit bla bini	57	21, Vita	58
Garaxx	59	Garaxx	60
8	61	Il-Gardjola	62
Garaxx	63	Harmoni	64
Camelia	65	Garaxx	66
Charonia	67	Primavera	68
6 (Flettijiet)	69	Bieb bla numru (Flettijiet)	70

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	71	Garaxx	72
Bieb bla numru	73	Bieb bla numru	74
Garaxx	75	Garaxx	76
Garaxx	77	2, C.M 2	78
Garaxx	79	Ta' Jannara Block C	80
Son Desir	81	1	82
New Year's Love	83	2	84
Garaxx	85	Ta' Jannara Block B	86
Beryl House	87	1	88
Garaxx	89	1	90
Capricorn Lodge	91	Ta' Jannara Block A	92
Garaxx	93	Daħla għall-garaxxijiet	94
Nid D'Amour	95	Bieb bla numru	96
Gloxinia Flats	97	Daħla għall-parkeġġ	98
16, Ave Maria	99	Charles Degorgio Ltd (Uffiċċju)	100
Daħla għall-garaxxijiet	101	Garaxx	102
Sit bla bini	103	Garaxx	104
Sit bla bini	105	Garaxx	106
Sit bla bini	107	Mira Building	108
Sit bla bini	109	Garaxx	110
Sit bla bini	111	Sit bla bini	112
Sit bla bini	113	Sit bla bini	114
Rose Quartz	115	Sit bla bini	116
Garaxx	117	Sit bla bini	118
Garaxx	119	Velvet Rose	120
Chantarelle	121	Road Pulse Motors (Uffiċċju)	122
Garaxx	123	Garaxx	124
Garaxx	125	Garaxx	126
Garaxx	127	Garaxx	128
Ġilju	129	Garaxx	130
Mon Cheri	131		
Rosevin	133		
Garaxx	135		
Madonna Di Campiglio	137		
Daħla għall-garaxxijiet	139		
Daħla għall-garaxxijiet	141		
Da Vinci Hospital	143		
Bieb imbarrat	145		
Bieb imbarrat	147		
St Anne's Pharmacy	149		
St Anne's Clinic	151		
Garaxx	153		
15, Harmony	155		
Grazzi Mulej	157		
Garaxx	159		
Garaxx	161		
13	163		
Silver Mist	165		
Tinker Bell	167		
Daħla għall-garaxxijiet	169		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	171		
Lady	173		
Garaxx	175		
Pauldor	177		
Garaxx	179		
Kephas	181		
Garaxx	183		
Carmchal	185		
Garaxx	187		
Apple Blossom	189		
Garaxx	191		
6, Valentine	193		
Żernieq	195		
Garaxx	197		
4	199		
4, Madonna ta' Pinu	201		
Nia Hejmo	203		
Garaxx	205		
2, Ġnejnet il-Ward	207		
Jason Car Imports (Garaxx)	209		
CE Business Centre	211		
Quick Lets (Uffiċċju)	213		

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 737

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻURRIEQ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fiż-Żurrieq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

2nd June, 2023

No. 737

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻURRIEQ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Iż-Żurrieq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IŻ-ŻURRIEQ

TRIQ VINCENZO CARUANA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Andrija

Left side entering from Triq Sant'Andrija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sunflower	1
Soiano	3
Garaxx	5
Garaxx	7
Garaxx	9
Garaxx	11
Canterbury Bells (Flettijiet)	13
Garaxx	15
Garaxx	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sant'Andrija

Right side entering from Triq Sant'Andrija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
El Corazon	2
Ta' Kricinz	4
Hazel	6
Garaxx	8
Garaxx	10
Garaxx	12
Redwing (Flettijiet)	14
Garaxx	16
24, Rambling Rose	18

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	19	Il-Musbieħ	20
Mater Christi	21	Garaxx	22
Garaxx	23	Garaxx	24
Garaxx	25	Renaissance	26
Forever Young	27	Garaxx	28
Sardinella	29	Sit bla bini	30
Garaxx	31	Sit bla bini	32
Old Trafford	33	1, Pink Floyd	34
Garaxx	35	Garaxx	36
Garaxx	37	Daħla għall-garaxxijiet	38
Aurora	39	Tulip Court	40
Sit bla bini	41	Garaxx	42
Sit bla bini	43	Garaxx	44
Sit bla bini	45		
Sit bla bini	47		
Garaxx imbarrat	49		
Garaxx	51		
Bieb bla numru	53		
Bieb bla numru	55		
Bieb bla numru	57		
Garaxx	59		
Garaxx	61		
Bieb bla numru	63		

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 738

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Bubaqra, Iż-Żurrieq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

2nd June, 2023

No. 738

NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Bubaqra, Iż-Żurrieq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

TRIQ DUN SALVATORE MAGRI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Saverio Laferla

Left side entering from Triq Saverio Laferla

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Dar Encanto	1
Garaxx	3
Sit bla bini	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Saverio Laferla

Right side entering from Triq Saverio Laferla

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	2
37, Solitaire	4
Garaxx	6

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	7	Garaxx	8
Bieb bla numru	9	Ġilju	10
12	11	Sit qed jinbena	12
Garaxx	13	Sit qed jinbena	14
Sit bla bini	15	Sit qed jinbena	16
Our Nest	17	Sit qed jinbena	18
Garaxx	19	Hedera Flats	20
Garaxx	21	Garaxx	22
El Ebus	23	Elysium	24
Sit bla bini	25	Garaxx	26
Sit qed jinbena	27	Toninu	28
Sit qed jinbena	29	Mag Xmun	30
Regina Coeli	31	Garaxx	32
Garaxx	33	Sit bla bini	34
Garaxx	35	Sit bla bini	36
Venere	37	Sit bla bini	38
Garaxx	39	Sit bla bini	40
Madonnina	41	Sit bla bini	42
Tower (Flettijiet)	43	Tal-Andar Flats	44
Garaxx	45		

It-2 ta' Ġunju, 2023

Nru. 739

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 630 tat-3 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd June, 2023

No. 739

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 630 dated 3rd August, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

22. TRIQ L-IMRIEĦEL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Wied *Left side entering from Triq il-Wied*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Wied *Right side entering from Triq il-Wied*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Emerald	89		
Daħla għall-garaxxijiet	91		
Helen	93		
Carmel (Garaxx)	95		
Sit bla bini	97-107		
Notre Cachette	109		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
89, Emerald	89		
91 (Daħla għall-garaxxijiet)	91		
Daħla għall-garaxxijiet	**93**		
Franġiska	**95**		
Anthony's Court	**97**		
Carmelina	**99**		
Sit bla bini	101		
Sit bla bini	103		
Sit bla bini	105		
Sit bla bini	107		
109, **Pearl**	109		

60. TRIQ TUMAS GALEA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Giovanni Papaffy

Left side entering from Triq Giovanni Papaffy

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Giovanni Papaffy

Right side entering from Triq Giovanni Papaffy

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sunlight	10
Garaxx	12
Sit bla bini	14
Sit bla bini	16
Belvedere	18
Garaxx	20
Sit bla bini	22
Sit bla bini	24
Ħanut	26

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
10, Sunlight	10
12 (Garaxx)	12
Sit bla bini	14
Sit bla bini	16
Daħla għall-garaxxijiet	**18**
Coburg	**18A**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**20**
Bieb bla numru	**20A**
22	**22**
Garaxx	**24**
26 (Ħanut)	26

Nru. 740

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAL-PIETÀ

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 598 tal-31 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Tal-Pietà', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 740

NUMBERING OF DOORS AT TAL-PIETÀ

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 598 dated 31st July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Tal-Pietà', the following amendments in **bold** should be made.

TAL-PIETÀ

TRIQ K. MIFSUD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Schinas
Left side entering from Triq Schinas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Schinas
Right side entering from Triq Schinas

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	16
Garaxx	18
Bini qed jinbena (Dar)	20
Garaxx	22
Garaxx	24

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
16	16
18 (Garaxx)	18
20 (Bieb imbarrat)	20
Ħanut	**22**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**22A**
24 (Garaxx)	24

It-2 ta' Ġunju, 2023

2nd June, 2023

Nru. 741

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 279 tal-15 ta' Settembru, 1911, għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 741

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 279 dated 15th September, 1911, the following prolongation in **bold** should be made.

TAS-SLIEMA

TRIQ IT-TORRI

Meta tidħol minn Ix-Xatt
Entering from Ix-Xatt

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
261, **Carlton Hotel**	261
262, **Tourist Information**	262

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Plough & Anchor Pub (Ħanut)	**263**
264, Taormina Court	**264**
265 (Ħanut)	**265**
266 (Ħanut)	**266**
267, Carlton Court	**267**
Ħanut	**268**
269 (Flettijiet)	**269**
Ħanut	**270**
Daħla għall-garaxxijiet	**270A**
271 (Flettijiet)	**271**
272, Plan B Barber Shop (Ħanut)	**272**
273	**273**

It-2 ta' Ġunju, 2023

2nd June, 2023

Nru. 742

No. 742

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
2.6.2023	€59.038	€0.702

It-2 ta' Ġunju, 2023

2nd June, 2023

Nru. 743

No. 743

MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(B) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

MINISTER FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dan l-ordni li ġej:

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512) the Minister for the Economy, European Funds and Lands has made the following order:

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġislazzjoni imsemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jkun permess id-dħul f'Malta ta' annimali li jaqgħu taħt il-kompitu ta' dawn ir-regolamenti.

The Owning and Keeping of Dangerous Animals (Amendment) Regulations, 2023 is hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to permit the entry into Malta of animals that fall under the remit of these regulations.

It-2 ta' Ġunju, 2023

2nd June, 2023

Nru. 744

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għall-finijiet tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż
Attività li għandha tiġi regolata	L-użu tal-annimali bħala props jew extras fil-films
Entità responsabbli	Id-Dipartiment tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali

2. Sommarju u sfond

2.1 Għanijiet u objettivi tal-leġiżlazzjoni

L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex annimali perikoluż jitħallew jintużaw f'wirjiet ċinematiċi bħala props jew extras fit-territorju ta' Malta.

2.2 Konsultazzjoni Pubblika

Ma kienx hemm bżonn konsultazzjoni pubblika.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn żewġ (2) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

1. Titolu.
2. Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju dwar ir-regolamenti

Ir-regolament 2: Iżid regolament ġdid 10A mar-regolamenti prinċipali li jippermetti sabiex annimali perikoluż jkunu jistgħu jintużaw f'wirjiet ċinematiċi bħala props jew extras fit-territorju ta' Malta diment li jiġu mħarsa diversi kundizzjonijiet stretti.

5. Taqsima Konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

N.B: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-2 ta' Ġunju, 2023

No. 744

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Notes
(for the purposes of article 3(2)(c) of Chapter 512 of the Laws of Malta)

1. Introduction

Title of the Legal Notice	Owning and Keeping of Dangerous Animals (Amendment) Regulations, 2023
Activity to be regulated	The use of animals as props or extras in films
Responsible entity	The Animal Health and Welfare Department

2. Summary and background

2.1 Aims and Objectives of the legislation

The objective of these regulations is to be able to allow dangerous animals to be used in cinematic performances as props or extras in the territory of Malta.

2.2 Public Consultation

No public consultation was needed.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations are made up of two (2) regulations and consist of the following:

1. Citation.
2. Adds a new regulation to the principal regulations.

4. Commentary on the regulations

Regulation 2: Adds a new regulation 10A to the principal regulations which permits that dangerous animals may be used in cinematic performances as props or extras in the territory of Malta provided that several strict conditions are adhered to.

5. Concluding Section

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

N.B: These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the legal instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

2nd June, 2023

Nru. 745

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) daħal lura fuq dmirijietu fl-1 ta' Ġunju, 2023, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 690 tas-26 ta' Mejju, 2023, huma b'din imħassrin.

It-2 ta' Ġunju, 2023

No. 745

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 1st June, 2023, and the arrangements referred to in Government Notice No. 690 of 26th May, 2023, are hereby being cancelled.

2nd June, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 105

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 2023, mill-3.45 p.m. sal-5.00 p.m., minn Triq l-Ewwel ta' Mejju u Triq Fleur-De-Lys;

Nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023, mis-6.30 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq il-Wied, Triq il-Kbira (Ħal Balzan), Triq Papa Piju XII, Triq in-Naxxar, Triq Ganu, Triq Ignazio Saverio Mifsud, Triq Indrì Calleja, Triq Franġisku Buhagiar, Triq il-Karmnu u Triq il-Bwieraq.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 2023, mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq it-Tliet Knejjes u Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ġunju, 2023, mis-7.30 p.m. sad-9.30 p.m., mill-Bypass tal-Imqabba, Triq Karmenu Ciantar, Triq San Bażilju, Triq il-Karmnu, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Knisja;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m., mill-Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq ix-Xriek, Triq il-Miṫħna, Triq it-Troll, Triq il-Pall, Triq Santa Katarina, Triq il-Qrendi, Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Triq it-Torba, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brincati, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Murselli, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Kileb, Triq Santa Katarina, Triq is-Sejba, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq il-Missjoni ż-Żgħira u Triq San Bażilju;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju, 2023, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m., mill-Pjazza tal-Knisja, Triq l-Isptar il-Qadim, Triq Mikelanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Tal-Mentna, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Katakombi, Triq Dun Gerald Mangion, Triq Dun Nikol Zammit, Triq in-Nazzarenu, Triq Mikiel Zammit, Triq il-Ħajt ta' Matla, Triq il-Majjistra Mikelina Galea, Triq Mikiel Zammit, Triq il-Katakombi, Triq Venuti, Triq Dun Anġ Mallia, Triq Karmenu Ciantar, u Triq San Bażilju;

POLICE NOTICE

No. 105

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Saturday, 3rd June, 2023, from 3.45 p.m. till 5.00 p.m., through Triq l-Ewwel ta' Mejju and Triq Fleur-De-Lys;

